# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 28 ta' Lulju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 192/2025JPG**

**Kawza nru.: 23**

**KA**
**vs**
**SBW**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' KA datat 15 t'April 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu gewwa l-Knisja tal-Kullegg ta' San Alwigi, Birkirkara, Malta, fit-30 ta' Lulju tas-sena elf disa' mija erbgha disghin (1994) kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal ossia DA u KA qabel maghruf bhal KTA li llum huma maggiorenni;*

.

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr Keith Calleja data erbgha ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (04/06/2018), li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata*

*Dok B;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata u lanqas fir-rigward tat-tfal tal-partijiet fejn kull manteniment qieghed jithallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni;*

*Illi dawn il-fatt hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tippronunzja l-hall taz-z-wieg bejn il-kontendenti billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar it-30 ta' Lulju tas-sena elf disa' mija erbgha disghin (1994) jigi mahlul u ddikjarat bhala xolt;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid--Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta SBW (Vide Fol 23) li taqra hekk:

*1. Hija taqbel li din il-Qorti ghandha tippronunzja l-hall taz-zwieg*

*celebrat bejnha u r-rikorrent KA fit-30 ta' Lulju 1994.*

*Minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal li llum huma t-tnejn maggorenni.*

*Il-Partijiet kienu sseparaw legalment b'kuntratt ta' separazzjoni bonarja tal-4 ta' Gunju 2018 pubblikat min-Nutar Dr. Keith Calleja, li permezz tieghu irregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom.*

*Minn dak in-nhar, u sa minn zmien qabel, il-partijiet qatt ma regghu ghexu flimkien u ma hemm ebda possibilta' li jirrikonciljaw. Il-partijiet bl-istess kuntratt iddikjaraw li kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Illum ir-rikorrent baqghalu obbligu ghall-hlas tal-manteniment tat-tifla D li ghadha qed tistudja.*

*Ghalhekk ir-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju jinsabu sodisfatti.*

1. *Tippronunzja l-Hall taz-zwieg bejn il-kontendenti billi tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti nhar it-30 ta' Lulju tas-sena 1994 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt.*

2. *Konsegwentement, din il-Qorti ghandha tilqa' wkoll it-tieni talba tar-rikorrent biex id-decizjoni tal-hall taz-zwieg tal-partijiet tigi registrata fir-Registru Pubbliku.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju 2025 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li l-partijiet ghalqu l-provi u stiednu lill-Qorti tghaddi

ghas-sentenza. (Vide Fol 26).

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 19)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Lulju 1994 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum maggorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 4 ta' Gunju 2018 in atti tan-Nutar Dr Keith Calleja. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit Fol 25)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu***

*mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta'

Lulju 1994 liema zwieg jgib certifikat numru 1300/1994 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali datat 4 ta' Gunju 2018 in atti tan-Nutar Dr Kieth Calleja (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1300/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**